# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2253 (INTERPRETAZZJONI)

**Kaz Numru 3150/CC** **Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**Bejn**

**Arriva Malta Limited**
**u**
**General Workers' Union**

**' dwar nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar dak li huwa effetivament dovut skond il-ligi lill-haddiema ma' l-Arriva Malta Ltd., li huma '*scheduled*' illi jahdmu f'festa pubblika/nazzjonali, bhala gurnata normali tax-xoghol taghhom.'**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Membri : Is-Sur David Magro**
**Is-Sur Michael J. Mallia**

**Nhar l-Erbgha 5 ta' Frar, 2014**

Fl-10 ta' Dicembru 2013, Dr.Andrew Borg Cardona u Dr.George Hyzler ghan-nom ta' Arriva Malta Ltd., issottomettew talba ghall-interpretazjoni tad-Decizjoni 2253 moghtija minn dan it-Tribunal fis-27 ta' Novembru 2013. Kopja tar-rikors imsemmi giet mghoddija lill-General Workers' Union fit-12 ta' Dicembru 2013. Ir-risposta tal-GWU gietipprezentata nhar it-30 ta' Dicembru 2013.

Ghall-Arriva (M) Ltd., dehret Ms. Vanessa Formosa assistita mill-Avv. Andrew Borg Cardona, mill-Avv. Karl Briffa u mill-Avv. George Hyzler

Ghall-G.W.U. deher Avv. Aron.Mifsud Bonnici.

Il-partijiet ghamlu sottomissjonijiet u kummenti verbali f'seduta li nzammet fit- 22 ta' Jannar 2014.

Wara li kkunsidra s-sottomissjonijiet u l-kummenti tal-partijiet, it-Tribunal jinnota li s-sottomissjonijiet maghmula ghan-nom ta' Arriva Malta Ltd ghalkemm gew ipprezentati bhala talba ghall interpretazzjoni mhumiex ghajr osservazzjonijiet fuq il-kontenut ta' l-imsemmija decizjoni, u suggerimenti ndiretti dwar kif fil-fehma ta' l-Arriva kellha tkun id-decizjoni.

It-Tribunal ifakkar li fir-rikors tal-Arriva Malta Ltd., it-Tribunal gie mitlub jaqta u jiddeciedi :

1) *' illi l-posizzjoni tas-socjeta esponenti, kiif konfermata mid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrjali, illi l-haddiema li huma 'scheduled' sabiex jahdmu bhala gurnata normali tax-xoghol taghhom (u mhux 'day of rest'), u dik il-gurnata tinzerta Festa Pubblika/Nazzjonal, apparti l-hlas normali ghas-sieghat mahduma ghal dik il-gurnata, tali haddiema huma ntitolati ukoll ghall-hlas addizzjonali ghas-sieghat mahduma f'dik il-gurnata li inzertat kienet Festa Pubblika/nazzjonali bir-rata 'single rate'.*

2) *' li l-General Workers' Union ghanda tiddesisti milli tordna jew b'mod iehor tippromwovi azzjonijiet industrjali in konnessjoni ma' din it-tilwima'.*

Dwar l-ewwel talba, t-Tribunal tenut kollu ta' dak li gie espost fil-process, fid-decizjoni tieghu ordna li sakemm isir bdil iehor permezz ta' negozjar, il-hlas lill haddiema meta dawn ikunu xoghol *scheduled* f'xi festa pubblika/nazzjonali ghandu jibqa jsir ezatt kif kien qieghed isir appena din il-kwistjoni qabdet tigi ttrattata quddiem dan it-Tribunal u mhux kif gie mitlub mill-Arriva Malta Ltd aktar il-fuq.

Dwar it-tieni talba, it-Tribunal indirizzaha, fl-ambitu shih ta' kif zviluppat din il-kwistjoni ta' xoghol f'post meqjus bhala 'servizz pubbliku essenzjali'. Dan ghamlu billi staqsa jekk wasalx iz-zmien li l-Legislatur flimkien mal-Imsiehba Socjali fi hdan l-*Employment Relations Board* u li l-GWU tifforma parti minnu, jaghmlu revizjoni tal-WRO li tirregola dan il-qasam partikolari. U wkoll appella lill partijiet sabiex b'mod immedjat jidhlu f'tahdidiet ghall ftehim kollettiv li jkun ikopri kull kundizzjoni ta' xoghol, b'mod partikolari l-*issue* ittrattata.

Finalment it-Tribunal jikkonferma *in toto* d-decizjoni kif moghtija nhar is-27 ta' Novembru 2013, decizjoni li kienet ampjament cara u li ma' taghti l-ebda lok ghall interpretazzjoni.

(Iffirmat)
**Ch. Cassar**
Chairperson

(Iffirmat)
**David Magro**
Membru

(Iffirmat)
**Michael J. Mallia**
Membru

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**